**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-vs-**

**Joseph Delia detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 516594M**

*Kumpilazzjoni Nru.531/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Delia u ċioè talli:

> Bejn Novembru 2017 u Diċembru 2017 ġewwa Ħal Luqa, Malta kif ukoll f'partijiet oħra f'Malta appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu speċifikat, liema d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan ġie magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lil Joseph Delia minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarji, għad-dannu ta' Anna Maria Grech, u dan bi ksur tal-artiklu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' flus ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) għad-dannu ta' Anna

Maria Grech, liema serq hu aggravat bil-persuna, u valur u dan bi ksur tal-artikli 261(c) u (d), 268 (a) (d), 267, 279(a), 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi kkometta bi hsara ta' Anna Maria Grech, ghamel qliegh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, u dan bi ksur tal-artikoli 309 u 310 tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet lill-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-akkuzi huma alternattivi ghal xulxin u li l-fattispecie tal-kaz jinkwadraw fl-ewwel imputazzjoni u cioe` dik t'approprijazzjoni indebita. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali netta tieghu, tal-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 293, 294, 310(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta' probation ghal sentejn (2) millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**